MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Numru. 1149/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**

**KONTRA**

**NEIL CARL FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Neil Carl Farrugia ta’ 25 sena, bin Emanuel u Catherine nee’ Saydon, mwieled Pieta, nhar it- 28 ta’ Gunju 1982, residenti fil- fond 18, St. Mary Str, B’Kara u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 347982 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar il- 25 ta' Settembru 2007 wara nofs in- nhar gewwa Ta' Qali:

1) ikkommeta serq ta' diversi affarjiet fosthom laptop tal-marka Toshiba A35, mobile phone tal- marka Nokia model 6380, apparat ta' diving kif ukoll diversi affarjiet ohra personali minn gewwa vettura ta' l- ghamla Daewoo Matizs bin- numru tar- regsitrazzjoni FCK 047 ghad-detriment ta' Janelle Kalli Knox ta' nazzjonalita' Amerikana bin- numru tal- passaport 302466518 liema serq huwa kkwalifikat, bil- valur u bix- xorta tal- haga misruqa u dan bi ksur tal-Artikolu 261( c) (g), 267 u 271 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

2) u aktar talli fl- istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il- Gzejjer, xjentament xtara jew laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibiejghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bix- xorta tal- haga misruqa u dan bi ksur tal- Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

3) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament ghamel hsara jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbi jew immobbli u cioe fl- istess karozza b'numru tar- registrazzjoni FCK 047, ghad- dannu ta' Anthony Zahra ID: 333045(M) (Alpine Rent a Car Ltd.) liema hsara hija ta' mhux izjed minn hamsin lira (Lm50) u dan bi ksur tal- Artikolu 325(1) ( c) atl- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) ukoll talli fl- istess cirkostanzi kiser il- kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza tal- Qorti Kriminali mill- Magistrat Dr. L. Quintano LL.D fis- 169 ta' April 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) u fl- ahhar nett talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill-

Qorti Kriminali (Malta) datati 25 ta' Mejju 2004 Magistrat Dr. A. Lofaro LL.D, 15 ta' April 2003 Magistrat Dr. C.S. Herrera LL.D u 9 ta' Mejju 2002 Magistrat Dr. M. Hayman LL.D u dan ai terminu tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-mertu ta' din il-kawza jittratta serq ta' oggetti minn vettura private gewwa Ta' Qali. Mill-provi prodotti rrisulta li zewg turisti ta' nazzjonalita' amerikana kienu ghadu kemm waslu Malta ghal btala, marru sal-"Crafts Village" gewwa Ta' Qali sabiex ighaddi l-hin qabel ma jidhlu fil-lukanda taghhom, u hallew xi oggetti taghhom gewwa l-vettura li kienu ghadhom kemm krew. Hemmhekk huma raw persuna tidher qisha "parking attendant", u allura hadu l-impressjoni li l-oggetti taghhom kienu relattivament sikuri fil-vettura. Gara izda li xi ftit tal-hin wara, huma marru lura sa fejn il-vettura u sabuha sgassata u nieqsa mill-bagalji li hallew. L-oggetti li kellhom kienu jeccedu l-elf lira ta' dak iz-zmien, illum aktar minn elfejn u tlitt mija u tletin Ewro.

Wara li l-Qorti semghet kwazi l-provi kollha, l-imputat ghazel minn jeddu li jirregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet, u ghalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra biss il-piena, li, f'dawn ic-cirkostanzi, sejra tkun wahda ta' prigunerija effettiva, tenut kont ukoll taz-zmien li l-imputat

gia' ghamel taht arrest preventiv, kif ukoll tenut kont tad-diffikulta' li hu ikkawza liz-zewg turisti amerikani, li sfaw vittma ta' serq hekk kif waslu Malta.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(c) u (g), 267, 271, 279, 280, 281, 289, 334, 325(1)( c), 49, 50 u 289, 17, 23, 31, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghal tlitt (3) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------